MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 549/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.**

**vs**

**I.T.C. Limited (C10309).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datat 18 ta' Mejju 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-10 ta' Ottubru 2005 din l-Onorabbli Qorti akkordat ir-rikors ta' LBM Breweries Limited (C11654) ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta` intimata;

Illi permezz ta’ tali mandat is-socjeta` intimata giet inibita milli bi kwalsiasi mod jorganizza, jippromwovi, u/jew itella’ attivita` bl-isem ta’ ‘Oktoberfest’;

Illi *nonstante* l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni surreferit, is-socjeta` intimata ghazlet li tinjora din l-ordni tal-Qorti u jirrizulta li bejn il-21 ta’ Ottubru 2005 u t-23 ta’ Ottubru 2005 is-socjeta` intimata ghamlet attivita` bhal dik ta’ l-esponenti u semmiha wkoll ‘Octoberfest’. Fil-Harga tat-Times tal-15 ta’ Ottubru 2005 deher riklam ta’ l-attivita` u ntuzat il-kelma Octoberfest kif ukoll *billboards* li rreklamaw l-attivita` fejn dehret il-kelma ‘Octoberfest’. Barra minn hekk anke fuq il-mezzi tax-xandir sar reklamar ta’ l-attivita` fejn intuzat ghal darba ohra l-kelma ‘Octoberfest’.

Illi l-esponent isostni li l-agir tas-socjeta` intimata kienet ser tohloq konfuzjoni fl-imhuh tal-pubbliku bejn l-attivita` li solitament ittella’ l-esponenti u l-attivita li behsiebha ttella’ s-socjeta` intimata;

Illi permezz ta’ rikors ipprezentat fid-19 ta’ Ottubru 2005 l-imsemmija LBM Breweries Limited (C11654) gabet ghal konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti dan kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra s-socjeta` intimata proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha *ai termini* tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;**

Illi b’digriet tat-21 ta’ Ottubru 2005 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Issib lis-socjeta` intimata I.T.C. Limited hatja ta’ disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12**; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta` intimata ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess **Titolu XVII** fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx hija tista' tigi mgieghla biex twiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 21 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2007.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta I.T.C. Limited (C10309) datata 4 ta' Gunju 2007 a fol. 27 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li m' huwiex minnu li s-socjeta` konvenuta njorat l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti. Illi kuntrajament ghal dak li huwa allegat mill-attur, is-socjeta` konvenuta bidlet l-isem ta' l-attivita' minn 'Oktoberfest' ghal Octoberfest', liema ismijiet, mill-mod kif jinkitbu huma differenti minn xulxin. Madankollu ftit jiem qabel l-attivita` taghha, s-socjeta` konvenuta nkorriet spejjez kbar sabiex tkun in konformi ma l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan kif jixhdu d-dokumenti stess ezebiti mill-attur innifsu. Dawn l-ispejjez zejda jinkludu bdil fir-reklamar u bdil fil-'merchandise' li kien ser jintuza waqt l-attivita` tas-socjeta` konvenuta .

2. B' riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta mill-11 ta' Ottubru 2007 sas-seduta tal-10 ta' April 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Cedric Mifsud ghas-socjeta` intimata u Dr. Francesco Depasquale ddikjaraw li m'

ghandhomx provi izjed. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghas-26 ta’ Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-procedura odjerna tittratta dwar kawza ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa’ taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta”** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta’ Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizjoni fl-ismijiet “**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**” (A.K. 28 ta’ Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma ntizi sabiex:-

“*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F’dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, tal-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta’ indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b’ citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f’azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f’ dan il-kaz m’hija xejn hlief it-tahrika ta’ “l-akkuzat” biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)***.”

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza “**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**” (P.A. C.C 9 ta’ Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

Illi l-proceduri odjerni ta' allegazzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mertu tal-kawza odjerna gew istitwiti kontra s-socjeta' intimata ghaliex qed jinghad li permezz ta' mandat ta' inibizzjoni Numru 1527/05/NC fl-ismijiet "LBM Breweries Limited vs I.T.C" datat 21 ta' Ottubru 2005, l-istess socjeta' intimata giet inibita milli bi kwalsiasi mod torganizza, u/jew itella' attivita' bl-isem **"Oktoberfest"** u dan ghaliex deher li fil-perjodu bejn l-21 ta' Ottubru u 23 ta' Ottubru 2005 deher li l-istess socjeta' intimata kienet ser torganizza attivita' taht l-istess kif kien jidher mid-Dok. "JC 1" anness mal-istess mandat, u fil-fatt jirrizulta li dan lanqas gie kkontestat mill-istess socjeta' intimata, li pero' opponiet ghall-hrug tal-istess mandat fuq binarji ohra, li ma humiex il-mertu ta' dawn il-proceduri odjerni.

Illi ma hemm l-ebda dubju li *stante* li l-istess socjeta' intimata ghandha personalita' guridika legali distinta minn dik tal-membri taghha hija tista' titharrek u tharrek *inter alia* dwar delitti jew kwazi delitti u ghalhekk isegwu l-principji li gew stabbiliti u kkonfermati fil-kuntest ta'

persuni legali skond kif inghad fis-sentenza **“Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri et”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Jannar 2001) fejn inghad li ghalhekk il-principju hu ben stabbilit li socjeta` kummercjali tista’ tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt u b’hekk ma hemmx dubju li l-istess socjeta’ intimata, bhala tali tista’ tigi suggetta ghall-proceduri ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ skond id-disposizzjonijiet appositi tal-Kap 12.

Illi in effetti, fis-sentenza “**David Jones et noe vs Giuseppe Mifsud Bonnici noe”** – (Kumm JDC 29 ta’ Ottubru, 1993); (**“Albert Mizzi noe vs George Schembri”** A.C. - 4 ta’ Frar, 1992; u **“Reno u Joan Pace vs Alexander Attard et”** 14 ta’ Lulju 1995; u s-sentenza **“Victor Galea vs Marin Hili noe”** – (P.A. J.S.P. – 1 ta’ Ottubru, 1996), fejn il-Qorti ezaminat is-sentenzi fuq kwotati u ohrajn u dan anke fid-dawl tal-**artikolu 4 (d) ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249)** u waslet ghall-konkluzjoni li “persuna” ghall-finijiet tar-responsabbilta` delittwali tinkludi wkoll socjeta` kummercjali.

Illi mill-provi kollha prodotti rrizulta li l-istess socjeta’ intimata organizzat l-attivita’ bejn il-perjodu tal-21 ta’ Ottubru 2005 sat-23 ta’ Ottubru 2005, izda mhux taht l-isem ta’ “Oktoberfest’, izda dak ta’ “Octoberfest” u dan fil-fatt hija l-allegazzjoni fir-rikors promotur (18.05.2007) u dan jidher ikkonfermat mill-avvizi fil-gazzetti ghall-istess avveniment (Dok. “A” anness mar-rikors datat 19.10.2005).

Illi fil-fatt is-socjeta’ intimata ssostni li proprju minhabba l-istess digriet tal-Qorti fejn hija giet inibita milli tuza l-isem ta’ “Oktoberfest” ghall-attivita’ taghha, hija bidlet l-isem ta’ l-istess avveniment minnha organizzat ghall dak ta’ “Octoberfest”, tant li hija bidlet d-dokumenti kollha ghall-riklamar mill-gdid tal-istess, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta’ Mario Camilleri (4.06.2007 u affidavit datat 27 ta’ Frar 2008, tant li jirrizulta li l-istess socjeta’ intimata nkorriet spejjez u danni proprju minhabba li wara d-digriet ta’ din il-Qorti hija bidlet l-isem ta’ l-istess attivita’ ghal dik ta’ “Octoberfest” proprju sabiex tosserva l-ordni tal-Qorti li ma torganizzax l-attivita’ premessa bl-isem ta’

"Oktoberfest". Fil-fatt mal-istess affidavit hemm esebiti diversi dokumenti li jirrapprezentaw diversi "*samples*" ta' affarijiet inkluz materjal pubblicitarju li kellu jigi stampat bil-gdid proprju sabiex jindikaw li l-attivita' kienet ser issir biss taht l-isem ta' 'Octoberfest" kif fil-fatt sar; jirrizulta ghalhekk li l-istess socjeta' intimata ma zammet l-ebda attivita' bl-isem 'Oktoberfest' u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma kien hemm ebda ksur tal-ordni tal-Qorti moghtija fil-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1527/05 fl-ismijiet "Breweries Limited vs I.T.C. Limited" u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 18 ta' Mejju 2007 qed jigu michuda ghaliex is-socjeta' intimata bl-ebda mod ma marret kontra l-ordni hemm moghtija mill-istess Qorti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata datata 4 ta' Gunju 2007 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------